MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 134/2003

Emmanuel Micallef f'ismu proprju kif ukoll
għan-nom ta' F.M. Poultry Limited .

vs

Flock Hatchers Co. Ltd .
Bendo's Poultry Limited .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur proprio et nomine wara li ppremetta :

Illi permezz tal-mandat ta' qbid numru 157/2003 fl-ismijiet Flock Hatchers Co. Ltd -vs- Bendo's Poultry Limited, ġew maqbuda diversi oġġetti mill-poter tas-soċjeta' debitriċi .

Illi dawk l-oġġetti maqbuda għalkemm qegħdin fil-pussess tal-kumpanija debitriċi Bendo's Poultry Limited u li wkoll tagħmel użu regolari minnhom ma humiex proprjeta'

tagħha iżda huma proprjeta' ta' l-atturi u ċioe' kwantu għal makkinarju 'poultry processing plant' jappartjeni lil konvenut Emmanuel Micallef, filwaqt li l-oġġetti l-oħra jappartjenu lil FM Poultry Limited . Dan kif jiġi dettaljatament pruvat waqt is-smiegħ ta' din il-kawża anke permezz ta' invoices u riċevuti relattivi ;

Illi l-atturi saru jafu illi dawn l-oġġetti ser jiġu elevati minn konsennatarju kif ukoll mibjugħin bis-subbasta .

Illi l-atturi ma jridux li dan iseħħ u jridu jikkonservaw ħwejjiġhom .

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti ma għandhiex :

1. Tiddikjara illi l-oġġetti kollha soġġetti għal mandat ta' qbid numru 157/03 Flock Hatchers Co. Ltd – vs - Bendo's Poultry Limited huma proprjeta' ta' l-atturi kif fuq spjegat .

2. Tiddikjara illi konsegwentament dawn l-oġġetti ma jistgħux ikunu soġġetti għal mandat ta' qbid biex jagħmlu tajjeb għad-debiti ta' Bendo's Poultry Limited .

3. Tordna illi b'effett immedjat dawn l-oġġetti ma għandhomx jibqghu ikkunsidrati bħala kolpiti permezz ta' dak il-mandat .

Bl-ispejjeż kollha nkluża VAT u bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur proprio et nomine, ikkonfermata bil-ġurament ta' Emanuel Micallef .

Rat id-degriet tagħha ta' l-1 ta' April, 2005 fejn iddikjarat illi s-soċjeta' konvenuta Flock Hatchers Co. Ltd, ġiet għal finijiet u effetti kollha tal-liġi debitament notifikata b'din iċ-ċitazzjoni .

Rat ukoll ir-riferta pożittiva tas-soċjeta' konvenuta l-oħra Bendo's Poultry Limited, illi ġġib id-data tad-19 ta' Jannar, 2004, innutat illi ħadd mill-konvenuti ma wieġeb għal din iċ-ċitazzjoni, u għalhekk waqgħu kontumaċi .

Rat ukoll il-kapitoli tas-subizzjoni illi wara li ġew preżentati fis-seduta preċedenti tat-28 ta' Novembru, 2006 .

Innutat illi ħadd ma deher għas-soċjetajiet konvenuti, minkejja li dawn ġew imsejħa tlett darbiet .

Għalhekk, wara illi fetħet il-kapitoli, iddikjarat l-istess kapitoli ammessi, u għal hekk tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, U ;

1. Tiddikjara illi l-oġġetti kollha soġġetti għal mandat ta' qbid numru 157/03, fl-ismijiet "Flock Hatchers Co. Ltd – vs - Bendo's Poultry Limited" huma proprjeta' ta' l-atturi kif fuq spjegat fl-istess ċitazzjoni ;

2. Tiddikjara illi konsegwentament dawn l-oġġetti ma jistgħux ikunu soġġetti għal mandat ta' qbid biex jagħmlu tajjeb għad-debiti ta' Bendo's Poultry Limited .

3. Tordna illi b'effett immedjat dawn l-oġġetti ma għandhomx jibqgħu ikkunsidrati bħala kolpiti permezz ta' dak il-mandat .

Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetajiet konvenuti .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------